MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 24/09

**It-Tlieta 19 ta' Awwissu 2025**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fl-erbgħa (4:00pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Marija Micallef – Kunsilliera
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: R. Baldacchino; Viċi-Sindku: A. Dalli Kunsilliera: S. Caruana, M. Micallef u C. Chetcuti

AĠENDA

24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

24.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

24.4 Attivitajiet fil-Gudja;

24.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

24.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
a. Ġnien Raymond Caruana – progress
b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja - progress
d. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
e. Proġett tal-Housing Estate - progress

24.7 Rapporti;

24.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

24.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

**Minuti**
**Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa**

Is-Sindku ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fl-erbgħa (4:00pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**24.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;**

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 23/09 nem con.

Is-Sindku qal li jixtieq jirringrazzja lil kulħadd għall-organizazzjoni waqt il-Festa ta' Santa Marija. Is-Sindku rringrazzja lill-Surmast, is-Sur S.Caruana u lill-kor tal-quddiesa solenni mill-isbaħ li saret.

**24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

24.3.1 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kienet saret laqgħa mall-pulizija tal-komunita' fejn saret talba minn naħa tal-pulizija sabiex l-Kunsill jgħin finanzjarjament biex jinxtara electric motor biex jintuża ġewwa l-Gudja, Għaxaq u Żejtun. Din l-ispiża ser tkun qed tinqasam bejn dawn it-tlett Kunsilli. Dwar dan il-Kunsill qabel li jara x'ser ikunu qed jagħmlu l-Kunsilli l-oħra. Il-Kunsillier S Caruana qal li hemm bżonn li l-barriers li jintużaw waqt il-festa jkunu aktar adatatti u mhux kollha mkissrin.

24.3.2 Is-Sindku għamel referenza għal proġett tal-EU – Secure, fejn nforma lil dawk preżenti li huwa flimkien mas-Segretarja Eżekuttiv attendew għal konferenza li saret ġewwa Serbia. Is-Sindku qal li l-Kunsill għamel il-preżentazzjoni tiegħu quddiem id-delegati tal-pajjizi l-oħra li attendew għal din il-konferenza.

24.3.3 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-permessi biex il-magna tal-BCRS tiġi nstallata fi Triq Bir Miftuħ ġew approvati.

24.3.4 Is-Sindku għamel referenza għall-knis fi żmien il-festa, fejn qal li sar tajjeb ħafna u li ngħatat l-għajnuna kollha neċċessarja minn naħa tal-Clean Malta biex kien hawn l-indafa wara l-marċ u kull attivita'.

24.3.5 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-bankina ta' Triq Ċiru ser tkun qed isir bil-pave bħal tal-pjazza.

24.3.6 Is-Sindku għamel referenza għax-xogħlijiet li qed isiru fi Triq Mons. Pawlu Mallia fejn propona sabiex isir one way u biex vetturi kbar ma jgħaddux lejn Triq Santa Marija peress li triq tidjieq. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

24.3.7 Preżentata kwotazzjoni tal-plakka tal-Latrina Pubblika, fejn il-Kunsill talab sabiex tinġieb kwotazzjoni oħra għal dan ix-xogħol.

24.3.8 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li TM kienet approvat li Triq R.Caruana ssir bi speed limit ta' 30km/hr.

24.3.9 Preżentat ir-rapport ta' ħidma ppreparat mill-Contracts' Manager għax-xahar ta' Awwissu 2025.

24.3.10 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li nhar l-20 ta' Awwissu, kien ser jiġi l-Ministru Roderick Galdes fil-Housing Estate biex jiġu preżentati x-xogħlijiet li saru fil-binjiet tal-Housing.

**24.4 Attivitajiet;**

24.4.1 Saret referenza għall-attivita' li ser isir f' Mejju 2026, fejn is-Sindku qal li ġie avviċinat minn rappreżentat mill-PBS dwar reklamar. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jikkunsidra dan.

24.4.2 Il-Viċi Sindku A. Dalli ser ikun qed jieħu ħsieb li jagħmel laqgħa mas-Sur Brian Bonnici minħabba l-attivita' tal-Karnival.

17:47hr Il-Kunsilliera M. Micallef talbet sabiex tiġi skużata.

24.4.3 Is-Sindku għamel refereza dwar l-attivita sportiva li ser isir nhar il-Ħadd 21 ta' Settembru 2025. Il-Kunsill flimkien ma' Agnoes SFC u Sportifity Academy Malta ser jtellgħu attività sportiva madwar il-Ġnien Raymond Caruana. Il-Kunsill qabel li l-attivita ssir bejn id-9.30am u s-1.30pm u sabiex ninfurmaw lil għaqdiet biex jarmaw waqt din l-attivita.

24.4.4 Dwar l-attivita tal-Milied li ser isir is-Sibt 6 ta' Diċembru, il-Kunsill qabel li jistieden żewġ korijiet ta' tfal u żewġ bands biex jalqgħu serata. Ġew issuġerieti diversi bands u kantanti.

**24.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

24.5.1 Il-Kunsillier C Chetcuti għamlet referenza għal Kunsill ta' Tfal, fejn qalet li kien hemm xi ftit tal-misunderstanding mall-korindatur dwar id-data u l-ħin tal-laqgħat. Is-Sa. Chetcuti talbet sabiex il-Kunsill jibgħat lill-kordinatur biex tinġibed l-attenzjoni biex ikun hemm aktar komunikazzjoni mall-Kunsill biex ikun hemm kordinazzjoni aktar effiċjenti.

24.5.2 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jiġu nstallati fanali ornamentali fi Triq R.Caruana, fil-parti fejn hemm il-bankijiet.
24.5.3 Il-Viċi Sindku talab sabiex il-Kunsill jinforma lill-Enemalta dwar xi arbli li qegħdin f'postijiet mhux adattati biex dawn jitneħħew.

24.5.4 Il-Kunsillier S Caruana qal li l-Kunsill għandu jibgħat lill-GO u l-Melita biex jitneħħew diversi wires li mhux qed jintużaw u wħud minnhom huma maqtugħin.

**24.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Ġnien Raymond Caruana – progress
b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miż 4.3 – Toroq Rurali – progress

   Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li nbdew ix-xogħlijiet fi Triq tal-Għolljiet. Il-Kunsillier S Caruana qal li għandu jiġi kkunsidrat li jsir dan it-tip ta' xogħol fi Ġnien il-Qari.

d. Proġett tal-Pjazza – progress
e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
f. Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Latrina Pubblika – progres

**24.7 Rapporti;**

Ma kienx hemm.

24.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

Il-pagamenti nru 15/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsilliera M. Micallef u sekondata mill-Kunsilliera C Chetcuti għall-ammont totali ta' €136,375.66 u ġiet approvata nem con.

24.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa ntemmet fis-sitta u kwart ta' filgħaxija (6:15pm). Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 16 ta' Settembru fl-4.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tlieta 16 ta' Settembru 2025

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv